MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 19/2012

**A B**

**vs**

**(1) C B**
**(2) X Y u**
**(3) b'digriet tal-4 ta' April 2012 l-Avukat Dr. Mark Anthony Cutajar u l-P.L. Quentin Tanti gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri Z B u b'digriet tal15 ta' Gunju 2012 gew estromessi il-kuraturi deputati Dr. Mark Anthony Cutajar u l-P.L. Quentin Tanti u C B assumiet l-atti tal-kawza f'isem il-minuri Z B.**
**(4) Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi huwa u C B izzewgu fit-18 ta' Gunju 2006 fil-knisja Parrokkjali tas-Siggiewi u dan skond certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala document A;
2. Illi fl-1 ta' Jannar 2012 twieldet tifla lil C B bl-isem ta' Z li giet registrata fuq ir-rikorrent meta fil-fatt mhux il-missier naturali taghha liema certifikat tat-twelid qed jigi hawn anness u mmarkat bhala dokument B u jgib in-numru ta' registrazzjoni 87/2012.
3. Illi l-intimat X Y huwa missier naturali tat-tarbija stante illi huwa qed jghix mal-intimata C B liema tarbija twieldet minn relazzjoni ta' bejniethom.
4. Illi ghadhom ma ghaddewx is-sitt xhur mit-twelid tal-imsemmija bint minuri Z B u ghalhekk huwa jixtieq jichad il-paternita` tieghu a tenur ta' l-Artikolu 73(a) tal-Kodici Civili kif emendat bl-Att XXI tal-1993.

Talab li l-intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara u tiddeciedi illi Z B mhix bint ir-rikorrenti;

2. tiddikjara u tiddieciedi illi c-certifikat tat-twelid ta' Z B li jgib in-numru ta' registrazzjoni 87/2012 jigi korrett fis-sens illi taht 'ISEM U KUNJOM TAT-TWELID TAL-MISSIER' ghandhom jitnizzlu l-kliem "MISSIER MHUX MAGHRUF" u/jew X Y skond il-kaz;

3. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjoni hawn fuq imsemmija a tenur tal-ligi biex kull fejn jidher l-attur A B bhala l-missier il-minuri Z B fl-att tat-twelid taghha, jithassar u jitnizzel "MISSIER MHUX MAGHRUF" u/jew X Y.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata ta’ C B, li *in forza* taghha hija eccepiet:

1. Illi l-esponenti taqbel illi l-minuri Z B mhijiex il-wild naturali ta’ l-attur, u fil-fatt anke l-esponenti nfisha istitwiet proceduri kontra l-attur, sabiex dan l-istat ta’ fatt jigi kristallizzat.

2. Illi dwar it-talba jekk il-minuri in kwestjoni hijiex wild naturali tal-konvenut l-iehor X Y, l-esponenti tirrimetti ruhha ghal dak li tiddeciedi dina l-Onorabbli Qorti.

3. Illi pero` dwar il-premessa ta’ l-attur fejn qed jinghad illi l-esponenti tghix mal-konvenut X Y, dan assolutament mhuwiex minnu.

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, qed jintwera bic-car illi bil-kawza promossa minnu, u bit-talbiet kif minnu maghmula, l-attur, apparti li jistabbilixxi l-paternita` ta’ l-imsemmija minuri, qed jipprova johloq provi li sussegwentement jigu uzati fil-proceduri ta’ separazzjoni ta’ bejnu u l-esponenti, haga din li l-Qorti ghandha tqies specjalment fir-rigward ta’ l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Salvi risposti ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta C B;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati l-Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-P.L. Quentin Tanti li in forza taghha huma eccepew:

Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat in-nota ta’ X Y tad-29 ta’ Mejju 2012 li permezz taghha ammetta t-talbiet kollha dedotti fir-rikors guramentat;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba ta’ denegata paternita’ *stante* li l-attur jikkontendi li minkejja li l-minuri Z B li twieldet nhar l-1 ta’ Jannar 2012 twieldet fiz-zwieg bejnu bejn l-intimata C B (li maghha ghandu proceduri pendenti ta’ separazzjoni), l-istess minuri m’hijiex bintu naturali izda hija l-wild naturali ta’ X Y. Ghalhekk permezz ta’ din il-kawza qieghed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li m’huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti b’dawk tal-istess intimat X Y.

Illi min-naha taghha, l-intimata C B tiddikjara li huwa minnu li l-minuri m’hijiex il-wild naturali tal-attur.

L-intimat X Y, permezz tan-nota tieghu datata d-29 ta’ Mejju 2012 ammetta t-talbiet hekk kif dedotti fir-rikors guramentat.

Illi min-naha tieghu, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, minkejja li kien debitament notifikat bil-kawza odjerna u dan *ai termini* tal-verbal tal-Qorti datat l-4 ta’ Dicembru 2012, baqa’ ma intavola ebda risposta guramentata izda ddikjara li qed jirrimetti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Ir-rikorrent jiddikjara li minkejja li l-minuri Z B twieldet nhar l-1 ta' Jannar 2012[1] twieldet fiz-zwieg (*stante* li l-attur u l-intimata C B ghadhom ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni), l-istess imsemmija minuri m'hijiex il-wild naturali tieghu. Dan jikkonfermah bil-gurament tieghu kemm fir-rikors promotur li taw bidu ghall-proceduri odjerni kif ukoll permezz tal-affidavit tieghu[2].

Il-Qorti tirrileva li fil-mori tal-kawza, ma sar ebda *test* xjentifiku li permezz tieghu setghet tigi kristallizzata l-posizzjoni vera relatata mal-paternita' tal-minuri. Pero' dan ma jfissirx li t-talba tal-attur necessarjament trid tigi segwita b'tali test (ghalkemm kien ikun ferm ahjar li kieku tali test verament sar). Dan qieghed jinghad ghaliex mill-provi esebiti johrog car u manifest li l-attur u l-intimata C B ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni u ilhom f'dan l-istess stat ghall-anqas ghal tlett snin.

Illi barra minn hekk, hekk qbil bejn l-istess partijiet li l-minuri m'hijiex il-wild tal-attur izda l-wild naturali tal-intimat X Y. Ghalhekk fic-cirkustanzi, il-Qorti thoss li anke fl-assenza ta' testijiet ta' *DNA* l-attur irnexxilu johrog prova tal-vera paternita' tat-tarbija *stante* li jirrizulta li tali informazzjoni hija maghrufa minn kullhadd u kien biss minhabba ragunijiet ta' presunzjonijiet legali naxxenti miz-zwieg u l-effetti tieghu li it-tarbija giet imnizzla bhala l-wild naturali tal-attur u xejn aktar.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri Z B m'hijiex il-wild naturali tal-attur;
(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' Z B sabiex taht l-isem u kunjom tal-missier jitnizzlu l-konnotati ta' X Y;
(3) Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-direttur tar-registru Pubbliku jhassar il-konnotati kollha tal-attur Joseph B

[1] Ara a fol 4 tal-process
[2] Esebit a fol 36 tal-process

minn fuq ic-certifikat tal-minuri Z B u jissostitwihom bil-konnotati ta’ X Y.

Bl-ispejjez kontra l-intimati C B u X Y fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------